**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru. 492/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shaun Pawney)**

**vs**

**Dumitru mgħaruf Dimitru Calin**

**Illum 13 t' Awwissu 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> **Dumitru mgħaruf Dimitru Calin**, detentur tal-karta tal-Identità Rumena numru ZL 001147;

Akkużat talli nhar it-02 ta' Awwissu 2018, għal ħabta ta' bejn il-9.10pm u d-9.30pm fi Triq Kent, il-Fgura f'Malta:

Minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunajt hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Tase Caloianu, griehi ta' natura gravi, jew igiblu dizordni f'mohhu kif iccertifikat minn Dr. Paul Zammit, Reg. No. 3247 mill-isptar Mater Dei, Msida u dan bi ksur tal-Artikli 214, 215, 216 tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi hebbejt ghal-persuna ta' Tase Caloianu sabiex tingurjaha, idejjaqha jew taghmillha hsara kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici bi ksur tal-Artikli 339 (d) tal-Kodici Kriminali tal-Kap. 9.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurtà tal-imsemmi Tase Caloianu, u minn issa tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti hija gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurtà ta' Tase Caloianu ai termini tal-Artikolu 383 et. seq. tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-imputat jikkonferma l-htija tieghu;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Dimitru Calin rega' afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien jirrikonsidra il-pozizzjoni tieghu, u din l-ammissjoni giet debitament registrata fil-verbal tal-lum stess fl-atti tal-kawza odjerna;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat u qieset il-provi kollha prodotti;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 214, 215 u 216 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, l-fedina penali netta tal-imputat, l-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, izda wkoll in-natura u gravità tal-akkuzi migjuba kontra tieghu tikkundanna lill-imputat ghal zmien tmintax-il xahar prigunerija liema kundanna bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tigi sospiza ghal zmien erba' snin mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

***Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

Angelo Buttigieg

Deputat Registratur